# Veru li San Pawl niżel fil-Bajja ta' San Tumas?

*Kitba ta' Dun Joe Abela*

Bħalissa l-Knisja Kattolika qiegħda tfakkar mill-aħjar li tista' lill-Appostlu Missierna San Pawl. Tista' tgħid għaddejna sena sħiħa, mhux biss nitolbuh jidħol għalina quddiem il-Mulej, iżda wkoll nistudjaw, kif kien jixraq, il-ħajja tiegħu, flimkien mal-kitbiet tiegħu u l-messaġġi u tagħlim sabiħ, mod speċjali dwar Ġesù Kristu, li huma fihom. Smajna ħafna dwar **il-postijiet li huma marbuta mal-ħajja u l-vjaġġi tiegħu**, mhux biss hawn Malta, iżda wkoll barra minn xtutna.

**X'għandna fiż-Żejtun?**

U fiż-Żejtun m'għandna xejn li jorbotna ma' dan il-qaddis kbir? Ħallina miċ-ċajta li aħna ż-Żwieten ma ridniex nisimgħu bih, u bħala konsegwenza sabbat saqajh mal-art u hekk aħna lkoll twelidna b'saqajna ċatta! Veru li fil-knisja parrokkjali għandna kappella ddedikata lilu u kwadru tiegħu fil-kor; veru wkoll li għandna xi niċeċ fit-toroq tagħna li jfakkruna fih. Iżda dan żgur li mhux biżżejjed! Jien imkien ma sibt li fil-Knisja Parrokkjali qadima, dik li nsejħulha ta' San Girgor, kien hemm xi devozzjoni speċjali lejh.

**Xi smajt.**

Snin ilu, wieħed ħabib tiegħi, li bħali kien iħobb l-Istorja, qalli li hemm teorija li San Pawl kien inkalja f'Xorb il-Għaġin. **Jien xejn ma kienet niżlitli**, u hekk għidtlu li ħaġa bħal din qatt ma kont smajtha, peress li aħna dejjem kienu għallmuna li San Pawl inkalja fit-tramuntana ta' Malta – s'intendi b'teoriji differenti, min jgħid f'San Pawl il-Baħar, min jgħid fil-Bajja tal-Mellieħa, jew xi mkien ieħor. Hu x'inhu, peress li jien din ta' Xorb il-Għaġin ili snin sewwa li smajtha, dan ifisser li din mhix xi ħaġa ġdida. U dan ġie kkonfermat lili meta ftit ilu raġel anzjan sewwa qalli li din il-ħaġa hu ilu li semagħha minn tfulitu! Qalli wkoll li l-kappella ta' Xorb il-Għaġin, jgħidulha San Pawl Milqi. Jien dejjem ħassbitni din il-knisja ċkejkna ta' San Pawl proprju f'Xorb il-Għaġin, fuq ir-riħ ta' Bajja ta' San Tumas u viċin is-Sikka tal-Munxar!

***The Lost Shipwreck of St. Paul.***

Mela l-istoriku Amerikan **Robert Cornuke** fis-sena 2003, ippubblika ktieb jismu ***The Lost Shipwreck of St. Paul***, li fih iddefenda bis-sħiħ it-teorija li San Pawl ma ġiex nawfragat fil-postijiet li l-Maltin dejjem emmnu, iżda fil-Bajja ta' San Tumas fil-lvant tal-gżira. U mhux ta' min wieħed jgħid li dan Cornuke ma tantx smajna dwaru. Għaliex qabel dan il-ktieb dwar Malta hu ħareġ **diversi kotba oħra dejjem dwar it-tiftix u s-sejba ta' ħwejjeġ jew postijiet importanti li jissemmew fil-Kotba Mqaddsa**. Hekk *In search of the Mountain of God: the Discovery of the real Mt. Sinai (2000); In Search of the Lost Mountains of Noah: the Discovery of the red Mts. of Ararat (2001); In Search of the Lost Ark of the Covenant (2002).*



**L-ankri misjuba minn Ray u Tony.**

Cornuke qara sewwa s-silta mill-Ktieb tal-Atti tal-Appostli, fejn San Luqa jirrakkonta bid-dettalji l-miġja ta' San Pawl f'Malta. Studja bir-reqqa dak li hemm miktub, speċjalment id-deskrizzjoni tax-xtajta fejn San Pawl kien nawfragat u tkellem ma' diversi għaddasa li sabu xi ankri fil-Bajja ta' San Tumas, fosthom **Ray Ciancio**, li hu figura leġġendarja fost l-għaddasa Maltin: kien wieħed minn tal-ewwel li bdew jużaw iċ-ċilindri biex jgħoddsu fil-fond. Fost il-ħbieb kellu lil **Tony Micallef Borg**, illum mejjet. Kull darba li jonfoħ sewwa r-riħ fuq fuq il-gżejjer tagħna, hu jikxef f'qiegħ il-baħar numru ta' sorpriżi. Mela darba fis-sena 1971, Ray u Tony kienu qegħdin jgħoddsu barra s-Sikka tal-Munxar, fin-nofs in-nhar tal-Bajja ta' San Tumas. Kienu qed isegwu ħuta kbira li wasslithom sa għar taħt il-baħar. Hemm huma sabu ankra kbira antika taċ-ċomb, miksija bil-koralli. Kienet maqsuma fi tnejn. Tellgħuha sa wiċċ l-ilma minn **fond ta' madwar 30 metru**. Kellhom l-intenzjoni li jħolluha biex jieħdu ċ-ċomb tagħha, u hekk għamlu. Seba' snin wara sabu ankra oħra fl-istess għar. Kienet tant tqila li kellhom jiġbduha bid-dgħajsa sakemm waslu f'baħar baxx. Tony ħbieha, għaliex kien għamel ħaġa kontra l-liġi! Erbgħa u għoxrin sena wara, l-armla tiegħu tatha lill-awtoritajiet Maltin, u llum tinsab fil-Mużew Marittimu tal-Birgu. Qbil tal-Bajja ta' San Tumas mal-kitba fl-Atti, Cornuke qal li l-**Bajja ta' San Tumas hi "belt" tan-nawfraġi**. L-ewwel hu ried jogħdos f'San Pawl il-Baħar, iżda meta qalulu li bosta għaddasa **hemmhekk ma kienu sabu xejn**, hu

żied l-interess tiegħu fil-Bajja ta' San Tumas. Veru li **x-xtajta ta' San Tumas u l-Munxar jaqblu ħafna mad-deskrizzjoni li nsibu fl-Atti tal-Appostli**. Veru wkoll li jinsabu fil-lvant ta' Malta. Vapur li ġej minn Kreta għal Malta, imkaxkar mill-grigal, l-ewwel kuntatt li jagħmel mal-art hu hawn. Iż-żewġ ankri nstabu f'fond ta' 30 metru, eżattament il-fond li jsemmi San Luqa fl-Atti. Mhux possibbli li tinżel l-art minn wara l-Munxar minħabba l-irdumijiet għolja, iżda l-Bajja ta' San Tumas hi waħda mill-ftit bajjiet ramlija li għandna Malta. Hawn vapur seta' jistkenn mill-maltempata! Iżda kien ikollu problema. Vapur ankrat fuq l-għerien li semmejna, biex l-għada filgħodu jidħol fil-Bajja ta' San Tumas, kien ikollu jaqsam, b'periklu kbir għalih, is-sikka tal-Munxar u hekk jinkalja. **Dan hu eżatt dak li qal San Luqa**. Dan il-kittieb tal-Atti juża l-espressjoni Griega *Topos dithalassos*, li tfisser post li jaqsam il-baħar fi tnejn. Din allura tista' tkun riferenza għall-Munxar, li jaqsam il-baħar f'żewġ partijiet. Ma ninsewx li dak iż-żmien il-Munxar kien jidher sewwa fuq wiċċ l-ilma, mhux kif inhu llum.

**Għajnuna tal-Konslu Amerikan.**

Cornuke tant kien konvint li dan kien il-post fejn San Pawl ra l-għarqa, li kompla t-tfittxijiet tiegħu u skopra li fl-istess post instabu żewġ ankri oħra, waħda fl-10 ta' Frar, 1972, minn Tony u sieħbu Charles Grech – din illum qiegħda fil-Mużew Marittimu tal-Birgu – u l-oħra fl-1960 minn ċertu "Mario". Wara nstabu żewġ ankri oħra. **Naturalment it-teorija ta' Cornuke qajmet kontroversja**. Bl-għajnuna tal-Konsulat Amerikan hu rnexxielu jakkwista maħfra għall-għaddasa Maltin li kienu sabu l-ankri u żammewhom, ħaġa li mhux suppost għamlu. Hekk biss hu seta' jippubblika l-informazzjoni dwar dawn is-sejbiet mingħajr ma jaqla' xi kwistjoni mal-awtoritajiet.

**Knisja ta' San Pawl f'Xorb il-Għaġin.**

Xi ngħidu dwar il-knisja ta' San Pawl li tinsab f'Xorb il-Għaġin? Il-knisja tal-lum żgur li ma tmurx lura mijiet kbar ta' snin, iżda ma setax kien hemm xi kappella ċkejkna oħra qabel il-bini tal-knisja preżenti?

**Skavi hawnhekk qatt ma saru**, kif saru fil-knisja ta' San Pawl Milqi fuq ir-riħ ta' San Pawl il-Baħar. Hi



ħasra li lanqas il-kwadru titulari tal-knisja preżenti f'Xorb il-Għaġin m'għadu jeżisti – għall-inqas dan hu t-tagħrif li jien ġejt mogħti. Ma nafx jekk dan il-kwadru kienx jirrappreżenta n-nawfraġju ta' San Pawl hawn Malta.

**Il-kaptan m'għarafx il-kosta.**
U x'ngħidu dwar il-kliem ta' San Luqa: "**Meta sebaħ huma l-art m'għarfuhiex**" (Atti: 27:39)? Il-kaptan u l-baħrin m'għarfux il-kosta u lanqas fejn kienu. Kien biss meta niżlu l-art li ndunaw li kienu waslu Malta. **Lionel Casson**, espert fl-arkeoloġija tal-baħar, jiddeskrivi r-rotta li l-vapuri tal-qamħ Lixandrini kienu jsegwu biex minn Lixandra fl-Eġittu jmorru Ruma fl-Italja. Skont hu l-kosta tal-lvant ta' Malta kienet ħaġa li huma malajr jagħrfu, biex minn hemm jaqbdu triqthom lejn Sirakuża fi Sqallija. Meta l-vapuri Lixandrini ma setgħux, minħabba l-maltemp, jaqsmu għal Sqallija, kienu jħottu t-tagħbija fl-imħażen tal-Marsa, u **jgħaddu l-bqija tax-xitwa hawn Malta**. Kien hemm diversi ħwejjeġ li minnhom il-baħrin setgħu jindunaw li kienu waslu Malta, qabel niżlu l-art: id-Daħliet ta' Marsaxlokk u Wied il-Għajn, it-tnejn portijiet Rumani; is-Sikka tal-Munxar bil-perikli kollha marbutin magħha – kull kaptan tal-affari tiegħu suppost li kien jaf biha; u l-famuż tempju tal-alla mara Ġuno fuq l-għolja ta' Tas-Silġ, għolja li tiddomina l-Bajjiet ta' San Tumas u Marsaxlokk. Kif allura, jekk San Pawl niżel fil-Bajja ta' San Tumas, San Luqa seta' jikteb li l-art il-kaptan tal-vapur m'għarafhiex?

**Il-Villa Rumana fiż-Żejtun.**
U l-Villa Rumana fejn hi? Viċin San Pawl il-Baħar hemm il-Villa ta' San Pawl Milqi, bil-kumpless tal-għasir taż-żejt magħha. Fir-Ramla ta' San Tumas x'hemm, jew għall-inqas viċin tagħha? San Pawl u sħabu kellhom jimxu t-telgħa biex waslu sa San Pawl Milqi. U fiż-Żejtun, fil-post fejn illum hemm l-Iskola Sekondarja "Carlo Diacono" (hekk jien għadni nsejħilha) m'għandniex ukoll il-fdalijiet ta' Villa Rumana b'kumpless tal-għasir taż-żejt? Il-fdalijiet li nstabu hawnhekk juru li din il-**villa fiż-Żejtun kienet diġà teżisti bejn l-ewwel seklu qabel Kristu u t-tielet seklu wara Kristu**. Allura San Pawl u sħabu ma setgħux ġew milqugħin f'din il-villa Żejtunija?

Insomma d-diskussjoni tibqa' sejra...... u **diffiċli tasal għal xi deċiżjoni infallibbli**! Veru l-istudjużi jiskopru ħwejjeġ ġodda li qatt qabel ma konna noħolmu bihom, iżda wkoll joħolqulna problemi ġodda! Ma tistagħġibx meta tiftakar li kien hawn min qal San Pawl lanqas biss ġie Malta!

